**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 486/2024 GG**

**Grand Harbour Regeneration Corporation PLC (GHRC) (C-42094)**

**vs.**

**AME Health and Safety Services Limited (C-44347)**

Illum 3 t'Ottubru, 2024

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat tas-socjeta' Grand Harbour Regeneration Corporation PLC (C-44347) ippreżentat quddiem din il-Qorti fit-2 ta' Mejju 2024 bis-segwenti premessi u talbiet:

1. Illi Grand Harbour Regeneration Corporation PLC (l-Awtorita' Kontraenti) għamlet sejħa għal tenders bl-isem "Tender for Health and Safety Supervisor" u bin-numru ta' referenza GHRC/002/2018-MXT;

2. Illi fit-tender adjudication, l-offerta tas-soċjeta' intimata ġiet aġġudikata fl-ewwel post u għaldaqstant, ġie iffirmat kuntratt ta' ftehim bejn il-partijiet għal eżekuzzjoni ta' din it-tender (hawn anness u mmarkat bħala **Dok. 'A'**);

3. Illi ai termini tal-Artikolu 26 ta' Sezzjoni 3 tat-Tender Document (hawn anness u mmarkat bħala **Dok. 'B'**), l-Awtorita' Kontraenti kienet obbligata tħallas 'pre-financing payment' ta' erbgħin fil-mija (40%) mil-prezz tal-kuntratt u ċioe l-ammont ta' tmienja u għoxrin elf, tlett mija u tnejn u erbgħin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€28,342.40);

4. Illi fir-rigward tal-ammonti l-oħra dovuti, is-soċjeta' intimata kienet obbligata tibgħat rendikont tax-xogħlijiet mwettqa minnha sabiex b'hekk mbagħad l-Awtorita' Kontraenti tkun tista' tipproduċi Payment Certificate u eventwalment titħallas il-fattura relattiva;

5. Illi sabiex l-Awtorita' Kontraenti tipproteġġi l-interessi tagħha, is-soċjeta' intimata kienet obbligata illi tagħmel garanzija fuq l-ammont mogħti bħala Pre-Financing Payment;

6. Illi din il-Pre-Financing Guarantee skadiet fl-għoxrin (20) ta' Lulju elfejn wieħed u għoxrin (2021) u ma ġietx imġedda u dana minkejja li s-soċjeta' intimata ġiet interpellata diversi drabi;

7. Illi oltre minn hekk, is-soċjeta' intimata naqset milli tibgħat il-job sheets li juru x-xogħlijiet pretiżi minnha u filfatt sad-data tat-tmiem tal-kuntratt, is-soċjeta' intimata bagħtet biss rendikont ta'

erba' t'elef, disa mija u tlieta u sebgħin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmi (€4,973.88) u dana kif jiġi spjegat aħjar fil-Payment Certificate hawn anness u mmarkat bħala **Dok. 'Ċ'**;

8. Illi għaldaqstant huwa ċar illi kien jinkombi fuq is-soċjeta' intimata li tibgħat rendikont ta' xogħlijiet sabiex b'hekk timmerita l-ammont ġia mogħti lilha bħala 'pre-finance';

9. Illi tenut kont illi dawn in-nuqqasijiet qatt ma ġew solvuti, u tenut il-Pre-Financing Payment mħallas lis-soċjeta' intimata, is-soċjeta' intimata tinsab fil-pussess ta' pagament żejjed ta' tlieta u għoxrin elf, tlett mija u tmienja u sittin ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmi (€23,368.52);

10. Illi għaldaqstant, is-soċjeta' intimata hija debitriċi tal-Awtorita' Kontraenti fl-ammont indikat u minkejja illi debitament interpellata diversi drabi sabiex tirrifondi l-ammont, hija naqset milli tagħmel dan;

11. Illi oltre minn hekk, ai termini tal-Artikolu 29 tal-Kundizzjonijiet Ġenerali u dawk sussegwenti, liema kundizzjonijiet jiffurmaw parti integrali mid-dokument tat-tender, f'każ li l-kuntrattur jonqos milli jirrifondi pagamenti fi żmien ħamsa u erbgħin (45) ġurnata mit-talba li tkun saret mill-Awtorita' Kontraenti, ikunu applikabblI wkoll l-interessi fuq l-ammont mitlub;

12. Illi għaldaqstant kellu jiddaħħal mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontestwalment ma' dan ir-rikors sabiex l-Awtorita' Kontraenti tikawtela l-pretensjonijiet tagħha;

13. Illi r-rappreżentant tal-Awtorita' Kontraenti jaf b'dawn il-fatti personalment

14. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, l-Awtorita' Kontraenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha,

1. Tiddikjara illi s-soċjeta' intimata tħallset l-ammont ta' tlieta u għoxrin elf, tlett mija u tmienja u sittin ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmi (€23,368.52) bħala ammont żejjed u li ma huwiex dovut lis-soċjeta' intimata;

2. Konsegwentament tikkundanna lis-soċjeta' intimata tirrifondi l-ammont ta' tlieta u għoxrin elf, tlett mija u tmienja u sittin ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmi (€23,368.52) lil Awtorita Kontraenti;

3. Tillikwida l-interessi dovuti fuq l-ammont u dana skont l-Artikolu 29 tal-kundizzjonijiet ġenerali (General Conditions) li jirregolaw il-kuntratti pubbliċi.

Bl-ispejjeż inkluz dawk tal-ittra uffiċjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap 12 bin-numru 2806/2023 u tal-mandat ta' sekwestru numru ______________ preżentat kontestwalment ma' dina l-proċedura u bl-imgħax legali

Rat id-digriet taghha tal-10ta' Mejju, 2024 li bih appuntat il-kawza ghas-smiegh ghat-2 t'Ottubru, 2024 fil-11.45am, ordnat in-notifika lis-socjeta' konvenuta bi zmien ghoxrin (20) jum biex tressaq ir-risposta mahlufa taghha;

Rat id-dokumenti esebiti mar-rikors mahluf;

Rat in-nota kongunta tal-partijiet tal-10 ta' Settembru, 2024 li biha qablu l-s-sorte ghandu jkun ridott ghas-somma ta' €20, 390.90;

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta ipprezentata fl-udjenza tat-2 t'Ottubru, 2024 li biha ammettiet it-talbiet tas-socjeta' attrici kif ridotta ghas-somma ta' €20,390.90;

Rat illi fl-udjenza tal-lum s-socjeta' attrici rtirat it-tielet talba taghha sabiex il-Qorti tillikwida l-interessi dovuti skond l-Artikolu 29 tal-kundizzjonijiet generali (General Conditions) li jirregolaw il-kuntratti pubblici;

Rat l-atti kollha;

Stante ammissjoni, tqis illi t-talbiet tas-socjeta' konvenuta kif ridotti huma pruvati;

Ghalhekk filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba ghall-likwidazzjoni ta' interessi, tilqa' l-ewwel u t-tieni talba tas-socjeta' attrici u konsegwentament:

Tiddikjara illi s-soċjeta' intimata tħallset l-ammont ta' għoxrin elf, tlett mija u disghin ewro u disghin ċenteżmi (€20,390.90) bħala ammont żejjed u li ma huwiex dovut lis-soċjeta' intimata;

Tikkundanna lis-soċjeta' intimata tirrifondi l-ammont ta' għoxrin elf, tlett mija u disghin ewro u disghin ċenteżmi (€20,390.90) lil Awtorita Kontraenti;

Bl-ispejjeż inkluz dawk tal-ittra uffiċjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap 12 bin-numru 2806/2023 u tal-mandat ta' sekwestru preżentat kontestwalment ma' dina l-proċedura u bl-imgħax legali

---

Onor. Dr. Giovanni M Grixti

Imħallef

---

Nicole Cini

Deputat Reġistratur